## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR CHRISTOPHER FORMOSA) V. JOSEPH CARMELO ZAMMIT (KI. 497894M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**20/06/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**BILLI inti akkuzat talli** fis-16/10/2022 ghall habta ta`11.11a.m. fi Triq Gort, San Giljan,

(1). Soqt vettura Nru. STI-296 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta biex tintuza fit-triq (sec.15(1)(a)(3) Chap.65)

(2). Soqt vettura Nru. STI-296 minghajr ma kienet koperta b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.(sec.3(1) Chap.104)

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta`zmien ta`mhux inqas minn tnax il xahar.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' EO 337, Stephen Cachia (b'affidavit) għal Transport Malta u tal-imputat innifsu.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta mix-xhieda li ta *viva-voce* l-***Enforcement Officer 337*** fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023 illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat kien qed isuq il-vettura tal-għamla Subaru bin-numru ta' reġistrazzjoni STI-296. Mill-affidavit ta' **Stephen Cachia** rriżulta ukoll illi fis-16 ta' Ottubru 2022 il-vettura in kwistjoni kienet reġistrata f'isem l-imputat u li l-liċenzja tat-triq tagħha kienet ilha li skadiet mill-31 ta' Lulju 2022. Din ġiet sussegwentement imġedda fid-29 ta' Diċembru 2022. Dan kollu ġie mistqarr ukoll mill-imputat meta minn rajh u wara li ġie mogħti d-debita kawtela inkluż id-dritt li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax lilu nnifsu, xehed u kkonferma xi ftit jew wisq is-suespost. L-ewwel imputazzjoni għalhekk tirriżulta ppruvata.

2. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ossia' dik dwar is-sewqan mingħajr polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskji tat-terzi hija ormai ġurisprudenza assodata tal-Qorti tal-Appell Kriminali[1] illi s-sewwieq li jkun akkużat bir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 irid jipprova illi huwa kien **personalment** kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura minnu. Jirriżulta mill-atti illi kull m'għamel l-imputat kien illi ppreżenta *animo ritirandi* l-polza tal-assigurazzjoni li kienet maħruġa lilu għall-perjodu in kwistjoni. Lanqas ma rriżulta lill-Qorti illi l-istess polza kienet ser tkoprih nonostante illi kien qiegħed isuq mingħajr *road license.* Għalhekk din it-tieni imputazzjoni ukoll tirriżulta ppruvata.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah iħallas multa komplessiva ta'elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500). Fuq talba tal-imputat il-Qorti tawtorizza li l-multa tkun pagabbli f' ħamsa u għoxrin (25) pagamenti mensili ugwali (Kap. 9 Art.**

---

[1] Ara fost oħrajn **Il-Pulizija v. Mohamad Knaan** (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023) u **Il-Pulizija v. Xemizin McKay** (Appell Numru 423/2022 EG, 24 ta' Mejju 2023),

**14(2)). B’żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |